REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1359/2007

tal-21 ta' Novembru 2007

li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-għoti tar-rifużjonijiet speċjali ta' l-esportazzjoni fuq ċerti qatgħat ta' laħam dissussat ta' l-annimali bovini

(Verżjoni kodifikata)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella [1], b'mod partikolari l-Artikoli 33(12) u 41 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1964/82 ta' l-20 ta' Lulju 1982 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-għoti tar-rifużjonijiet speċjali ta' l-esportazzjoni fuq ċerti qatgħat ta' laħam dissussat ta' l-annimali bovini [2] ġie emendat kemm-il darba [3] b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni u l-kriterji għall-iffissar ta' l-ammont tagħhom.

(3) Minħabba s-sitwazzjoni tas-suq, is-sitwazzjoni ekonomika fis-settur taċ-ċanga u l-vitella u l-intenzjoni li jinbiegħu ċerti prodotti fis-settur, il-kondizzjonijiet li jirregolaw il-ħlas tar-rifużjonijiet speċjali ta' l-esportazzjoni fuq dawn il-prodotti għandu jiġi stabbilit. B'mod partikolari, kondizzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti għal ċerti qatgħat ta' laħam li jsiru bid-dissussar tar-robbi ta' bhejjem maskili.

(4) Biex jiġi żgurat li dawn l-għanijiet jiġu osservati, proċedura speċjali ta' sorveljanza għandha tiġi introdotta. L-oriġini tal-prodott jista' jiġi awtentikat billi jsir ċertifikat fuq il-mudell ta' l-Anness I li jinsab mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 433/2007 ta' l-20 t'April 2007 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-għoti ta' rifużjonijiet speċjali ta' l-esportazzjoni għaċ-ċanga u l-vitella [4].

(5) Bil-għan li jistgħu jiġu applikati b'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti għall-għoti tar-rifużjonijiet għandhom jiġu speċifikati l-formalitajiet ta' l-esportazzjoni u, fejn approprjat, it-tqattiegħ u d-dissussar għandhom isiru fl-Istat Membru li fih l-annimali jkunu nqatlu.

(6) Għandu jiġi speċifikat li l-għoti ta' rifużjonijiet speċjali għandu jkun bil-kondizzjoni li l-laħam imqatta' li jsir bl-iddissussar tar-robbi imqieghed taħt sorveljanza jiġi esportat. Madankollu, fir-rigward tar-robbi warranija, bl-għan li jinkisbu prezzijiet aħjar fil-Komunità, huwa opportun li jiġu stabbiliti ċerti eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali, mingħajr ma jiġi pperikolat l-għan li jinħeles is-suq tal-Komunità. Iċ-ċirkostanzi li fihom il-kondizzjoni li wieħed jesporta l-laħam kollu miksub ma jiġix issodisfatt għalkollox mingħajr ma wieħed jitlef il-jedd għal rifużjoni għandhom jiġu stabbiliti. Madanakollu, dik il-possibiltà għandha tkun limitata u għandha tkun soġġetta għal restrizzjonijiet li jipprevjenu l-abbuż.

(7) Safejn għandhom x'jaqsmu l-limiti ta' żmien u l-prova ta' l-esportazzjoni, għandha ssir referenza għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 tal-15 ta' April 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fuq prodotti agrikoli [5].

(8) L-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar imħażen ta' l-ikel previst fl-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 hija inkompatibbli ma' l-għan ta' dan ir-Regolament. M'hemmx il-ħtieġa għalhekk li ssir xi dispożizzjoni għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti indikati fl-imsemmi Artikolu 40 għall-prodotti in kwistjoni.

(9) Minħabba n-natura speċjali ta' din ir-rifużjoni, ebda sostituzzjoni m'għandha tiġi permessa u ebda mezz ta' identifikazzjoni tal-prodotti in kwistjoni m'għandu jkun previst.

(10) Il-metodu li bih l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet ta' prodotti li fuqhom ikunu nghataw rifużjonijiet speċjali ta' l-esportazzjoni għandu jiġi stabbilit.

---

[1] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).
[2] ĠU L 212, 21.7.1982, p. 48. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1713/2006 (ĠU L 321, 21.11.2006, p. 11).
[3] Ara l-Anness III.
[4] ĠU L 104, 21.4.2007, p. 3.
[5] ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1001/2007 (ĠU L 226, 30.8.2007, p. 9).

(11) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni taċ-Ċanga u l-Vitella,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Qatgħat bla għadam mill-kwarti ta' quddiem u l-kwarti ta' wara friski jew iffriżati ta' qobla maskili adulti b'medja ta' kontenut ta' dgħif tal-laħam ta' 55 % jew aktar għandu, permezz tal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, jikkwalifikaw għal rifondi speċjali ta' l-esportazzjoni.

Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "il-kwarti ta' quddiem" għandha tfisser il-parti ta' quddiem mhux separata, kif definit fin-Noti Addizzjonali 1.A(d) u (e) tal-Kapitolu 2 tan-nomenklatura magħquda, qatgħat dritti jew qatgħat Pistola;

(b) "il-kwarti ta' wara" għandha tfisser il-kwarti ta' wara separati jew mhux separati, kif definit fin-Noti Addizzjonali 1.A(f) u (ġ) tal-Kapitolu 2 tan-nomenklatura magħquda, b'massimu ta' tmien kustilji jew tmien pari ta' kustilji, ta' qatgħa dritta jew ta' qatgħa Pistola.

Artikolu 3

1. L-operatur għandu jippreżenta lill-awtoritajiet kompetenti indikati mill-Istati Membri dikjarazzjoni li tistqarr l-intenzjoni tiegħu li jneħħi l-għadam jew tal-kwarti ta' quddiem jew tal-kwarti ta' wara kif definit fl-Artikolu 1 permezz tat-termini ta' dan ir-Regolament u li jesporta, suġġett għall-Artikolu 7, il-kwantità sħiħa ta' qatgħat bla għadam miksuba, b'kull qatgħa ppakkjata individwalment.

2. Id-dikjarazzjoni għandha tiddeskrivi u tiddikjara l-kwantità ta' prodotti li għandhom jiġu dissussati.

Din għandha tkun akkompanjata b'ċertifikat li mudell tiegħu jinsab fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 433/2007, maħruġ skond id-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel paragrafu ta' Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament. Iżda, in-Noti B u Ċ u l-kaxxa 11 ta' dak iċ-ċertifikat m'għandhomx jgħoddu. Id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament għandhom jgħoddu *mutatis mutandis* sakemm il-prodotti jitqiegħdu taħt is-sorveljanza kif imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

3. Malli d-dikjarazzjoni tiġi aċċettata mill-awtoritajiet kompetenti, li għandhom iniżżlu fuqha d-data ta' l-aċċettazzjoni, ir-robbi li għandhom jiġu dissussati għandhom jitqiegħdu taħt is-sorveljanza ta' dawk l-awtoritajiet, li għandhom jistabbilixxu l-piż nett tal-prodotti u jdaħħlu dan fil-kaxxa 7 taċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 2.

Artikolu 4

Il-perjodu li fih ir-robbi warranija għandhom jiġu dissussati għandu jkun, ħlief f'ċirkostanzi ta' forża maġġuri, ta' għaxart ijiem tax-xogħol mid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija f'Artikolu 3.

Artikolu 5

1. Wara t-tneħħija ta' l-għadam, l-operatur għandu jissottometti għall-awtorizzazzjoni lill-awtorità kompetenti wieħed jew aktar "ċertifikati ta' laħam bla għadam", li mudelli dwarhom huma mogħtija fl-Annessi I u II u fil-kaxxa 7 iġibu n-numru taċ-ċertifikat li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 3(2).

2. In-numri taċ-"ċertifikati tal-laħam dissussat" għandu jiddaħħal fil-kaxxa 9 taċ-ċertifikat imsemmi f'Artikolu 3 (2). Dan iċ-ċertifikat ta' l-aħħar, mimli kif għandu jkun, għandu jintbagħat mill-mezzi amministrattivi lill-aġenzija responsabbli għall-ħlas tar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni meta "ċertifikati tal-laħam dissussat" li jikkorrispondu mal-kwantità sħiħa tal-laħam dissussat mir-robbi meħuda taħt sorveljanza ikunu ġew iċċertifikati skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Iċ-"ċertifikati tal-laħam dissussat" għandhom jintbagħtu meta l-formalitajiet tad-dwana msemmija f'Artikolu 6 jkunu tlestew.

4. Id-dissussar għandu jsir u l-formalitajjiet tad-dwana għall-esportazzjoni għandhom jitlestew fl-Istat Membru li fih l-annimali jkunu nqatlu.

Artikolu 6

1. Il-formalitajiet tad-dwana għall-esportazzjoni mill-Komunità fil-każ tal-provvisti kif imsemmija f'Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 jew għall-prodotti mqiegħda taħt arranġmenti relatati ma' l-imħażen tad-dwana qabel l-esportazzjoni msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1741/2006 tal-Kummissjoni [1] għandhom isiru fl-Istat Membru li fih id-dikjarazzjoni msemmija f'Artikolu 3 tiġi aċċettata.

2. Fil-kaxxa 11 taċ-"ċertifikat tal-laħam bl-għadam" l-awtoritajiet tad-dwana għandhom idaħħlu n-numri tar-referenza u d-dati tad-dikjarazzjonijiet imsemmija f'Artikolu 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999.

3. Wara li l-formalitajiet tad-dwana li jkopru l-qatgħat għall-esportazzjoni jitlestew, "iċ-ċertifikat tal-laħam bl-għadam" għandu jintbagħat b'mezzi amministrattivi lill-aġenzija responsabbli għall-ħlas tar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni.

[1] ĠU L 329, 25.11.2006, p. 7.

Artikolu 7

1. Ħlief fil-każi ta' *force majeure*, ir-rifużjonijiet speċjali għandhom jingħataw bil-kundizzjoni li tiġi esportata l-kwantità totali tal-qatgħat li jirriżultaw bid-dissussar li jkun sar taħt is-superviżjoni skond Artikolu 3(3) u li jintwerew fuq iċ-ċertifikat/i kif previst f'Artikolu 5(1).

2. Madankollu, l-operaturi għandhom jiġu awtorizzati biex ma jesportawx il-kwantità totali tal-qatgħat li jirriżultaw mid-dissussar tar-robbi warranija.

Jekk il-kwantità li għandha tiġi esportata tammonta għal mill-inqas 95 % tal-piż totali tal-qatgħat li jirriżultaw mid-dissussar taħt supervizjoni skond Artikolu 3(3), ir-rifużjoni speċjali għandha titħallas.

Jekk il-kwantità li għandha tiġi esportata tammonta għal mill-inqas 95 %, iżda mhux anqas minn 85 %, tal-piż totali tal-qatgħat li jirriżultaw mid-dissussar, ir-rifużjoni speċjali li għandha titħallas għandha titnaqqas.

L-ammont li bih ir-rata għandha titnaqqas għandu jiġi deċiż meta r-rata tar-rifużjoni konċernata tiġi ffissata jew mibdula. Dan għandu jiġi stabbilit b'mod partikolari fid-dawl tal-valur tad-diversi qatgħat li x'aktarx jibqgħu fis-suq tal-Komunità.

3. L-għadam, l-għeruq il-kbar, il-qarquċa, il-bċejjeċ tax-xaħam u tilqit ieħor li jibqa' wara d-dissussar jistgħu jinbiegħu fis-suq tal-Komunità.

4. L-operaturi li jixtiequ jieħdu vantaġġ minn xi waħda mill-għażliet previsti fil-paragrafu 2 għandhom isemmu dan fid-dikjarazzjonijiet tagħhom kif previst f'Artikolu 3(1).

B'żieda ma' dan, iċ-ċertifikat/i previst(i) f'Artikolu 5 (1) għandu/hom juri(u):

(a) fil-kaxxa 4, il-piż totali nett tal-qatgħat li jirriżultaw mid-dissussar u, fejn jgħodd, iċ-ċertifikazzjoni:

— "L-applikazzjoni ta' Artikolu 7 (2) tar-Regolament (KE) Nru [1359/2007] — kondizzjoni 95 %", jew

— "L-applikazzjoni ta' Artikolu 7 (2) tar-Regolament (KE) Nru 1964/82 [1359/2007] — kondizzjoni 85 %";

(b) fil-kaxxa 6, il-piż nett li għandu jiġi esportat.

5. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-għadd ta' tipi ta' qatgħat li l-operaturi jistgħu jiddeċiedu li ma jesportawx għal tnejn kull operazzjoni ta' dissussar.

6. Jekk il-kwantità esportata tkun anqas mill-piż li jidher fil-kaxxa 6 taċ-ċertifikat/i previst/i f'Artikolu 5 (1), ir-rifużjoni speċjali għandha titnaqqas. Il-perċentwal tat-tnaqqis għandu jkun:

(a) meta d-differenza bejn il-piż esportat u dak li jidher fil-kaxxa 6 taċ-ċertifikat/i previst/i f'Artikolu5 (1) jinstab li ma jkunx jeċċedi l-10 %, ħames darbiet tal-perċentwal tad-differenza fil-piż;

(b) fil-każi l-oħra, 80 % tar-rata tar-rifużjoni fuq prodotti koperti, skond kif ikun il-każ, bil-kodiċi NM 0201 30 00 9100 jew 0201 30 00 9120, applikabbli fid-data li tidher fil-kaxxa 21 tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni li fuq il-bażi tagħha l-formalitajiet imsemmija f'Artikolu 5(1) jew 26(1) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 ikunu saru.

Il-piena prevista f'Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 m'għandhiex tapplika fil-każi koperti b'dan il-paragrafu.

Artikolu 8

Permezz ta' deroga minn Artikolu 5(2), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu:

(a) li "ċertifikat ta' laħam dissussat" wieħed li jkun ikopri l-kwantità sħiħa ta' laħam li jirriżulta mill-operazzjoni tad-dissussar jinħareġ flimkien maċ-ċertifikat imsemmi f'Artikolu 3(2);

(b) li ż-żewġ ċertifikati imsemmija f'punt (a) jitressqu simultanjament meta l-formalitajiet ta' l-esportazzjoni tad-dwana jkunu tlestew;

(ċ) li ż-żewġ ċertifikati imsemmija f'punt (a) jintbagħtu flimkien taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'Artikolu 6(3).

Artikolu 9

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għas-sorveljanza u għandhom javżaw b'dawn lill-Kummissjoni. Dawn għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex is-sostituzzjoni tal-prodotti in kwistjoni tkun impossibbli, b'mod partikolari billi tiġi identifikata kull biċċa laħam.

2. Ebda laħam ħlief dak kopert b'dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-laħam tal-majjal, ma jista' jkun preżenti fil-kamra tad-dissussar meta l-laħam in kwistjoni jkun qiegħed jiġi dissussat, imnaddaf jew ippakkjat.

3. It-tneħħija ta' l-għadam tal-kwarti ta' quddiem u tal-kwarti ta' wara fl-istess ħin u fl-istess kamra tad-dissussar għandu jkun ipprojbit.

4. Il-boroż, il-kaxxi jew materjal ieħor ta' l-ippakkjar li fihom jitqiegħdu l-qatgħat dissussati għandhom ikunu ssiġillati uffiċjalment mill-awtoritajiet kompetenti u jkollhom fuqhom il-partikolaritajiet li jippermettu li l-laħam dissussat ikun jista' jiġi identifikat, b'mod partikolari l-piż nett, it-tip u l-għadd tal-qatgħat u n-numru tas-serje.

Artikolu 10

Fil-każ taċ-ċertifikati previsti f'Artikolu 5 (1), iċċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti kull tliet xhur u li jkopru qatgħat dissussati li jirriżultaw minn robbi warranija, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dan li ġej fit-tieni xahar wara kull tliet xhur:

(a) il-piż totali nett li jidher fiċ-ċertifikati koperti mill-każi previsti f'Artikolu 7 (1);

(b) il-piż totali nett li jidher fiċ-ċertifikati koperti mill-każi previsti f'Artikolu 7 (1) — kondizzjoni 95 %;

(ċ) il-piż totali nett li jidher fiċ-ċertifikati koperti mill-każi previsti f'Artikolu 7 (1) — kondizzjoni' 85 %.

Artikolu 11

Ir-Regolament (KEE) Nru 1964/82 hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

Artikolu 12

Dan ir-Regolament għand jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Novembru 2007

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

1. L-esportatur (isem u indirizz sħiħ)	IĊ-ĊERTIFIKAT **għal-laħam iddissussat mill-kwarti ta' wara ta' qobla maskili adulti** **Nru** **Ir-Regolament (KE) Nru 1359/2007**
	2. L-AĠENZIJA TAL-ĦRUĠ

NOTI

A. Il-laħam għandu jkun deskritt bi qbil man-nomenklatura użata għar-rifondi ta' l-esportazzjoni u kull biċċa laħam għandha tkun imkebba individwalment.

B. Dan iċ-ċertifikat għandu jkun ippreżentat għall-attribuzzjoni ta' l-uffiċċju doganali ta' fejn kull konsenja, il-formalitajiet doganali għall-esportazzjoni jew għal depożitu fl-imħażen jew f'żona ħielsa jkunu mwettqa.

C. Wara kull attribuzzjoni parzjali, l-uffiċċju doganali kkonċernat għandu jibgħat lura dan iċ-ċertifikat lejn l-esportatur jew lejn l-aġent tiegħu u għandu jibagħtu lejn l-aġenzija responsabbli għall-pagament tar-rifondi ta' l-esportazzjoni, meta l-kwantitajiet totali tal-laħam ikunu ġew attribwiti.

3. Mezzi tat-trasport (volontarji)		
4. Numru ta' pakketti – Deskrizzjoni tal-laħam	5. Subintestatura min-Nomenklatura Magħquda	6. Il-piż nett (kg)
7. Numri u dati taċ-ċertifikati għal ċanga minn qobla maskili adulti		
8. ĊERTIFIKAT MILL-AWTORITÀ TAL-ĦRUĠ Jien, li hawn taħt niffirma, niddikjara li l-laħam deskritt hawnhekk ġej mill-kwarti ta' wara ta' qobla maskili adulti. Siġilli jew ċomb imwaħħal: Numru: marki: Numru serjali li jidher fuq il-pakketti: Post: Data: Firma: Timbru jew siġill stampat:		
9. GĦANDU JITWETTAQ MILL-UFFIĊĊJU DOGANALI TA' FEJN IL-FORMALITAJIET GĦALL-ESPORTAZZJONI JEW GĦAL DEPOŻITU FI MĦAŻEN JEW F'ŻONA ĦIELSA HUMA MWETTQA.		
10. Kwantitajiet ta' laħam	11. Numru u data tad-dokument doganali u, meta applikabbli, id-dikjarazzjoni tad-dħul fil-maħżen msemmija fl-Artikolu 4 paragrafu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1741/2006: Firma u timbru ta' l-uffiċċju doganali	
A. Kwantità totali		
B. Attribuzzjoni		

ikompli fuq wara.

10. Kwantitajiet ta' laħam	11. Numru u data tad-dokument doganali u, meta applikabbli, id-dikjarazzjoni tad-dħul fil-maħżen msemmija fl-Artikolu 4 paragrafu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1741/2006 Firma u timbru ta' l-uffiċċju doganali
A. Bilanċ	
B. Attribuzzjoni	
A. Bilanċ	
B. Attribuzzjoni	
A. Bilanċ	
B. Attribuzzjoni	
A. Bilanċ	
B. Attribuzzjoni	
A. Bilanċ	
B. Attribuzzjoni	
A. Bilanċ	
B. Attribuzzjoni	

ANNESS II

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

1. L-esportatur (isem u indirizz sħiħ)	IĊ-ĊERTIFIKAT **għal-laħam iddissussat mill-kwarti ta' wara ta' qobla maskili adulti** **Nru** **Ir-Regolament (KE) Nru 1359/2007**
	2. L-AĠENZIJA TAL-ĦRUĠ

NOTI

A. Il-laħam għandu jkun deskritt bi qbil man-nomenklatura użata għar-rifondi ta' l-esportazzjoni u kull biċċa laħam għandha tkun imkebba individwalment.

B. Dan iċ-ċertifikat għandu jkun ippreżentat għall-attribuzzjoni ta' l-uffiċċju doganali ta' fejn kull konsenja, il-formalitajiet doganali għall-esportazzjoni jew għal depożitu fl-imħażen jew f'żona ħielsa jkunu mwettqa

C. Wara kull attribuzzjoni parzjali, l-uffiċċju doganali kkonċernat għandu jibgħat lura dan iċ-ċertifikat lejn l-esportatur jew lejn l-aġent tiegħu u għandu jibagħatu lejn l-aġenzija responsabbli għall-pagament tar-rifondi ta' l-esportazzjoni, meta l-kwantitajiet totali tal-laħam ikunu ġew attribwiti.

3. Mezzi tat-trasport (volontarji)		
4. Numru ta' pakketti – Deskrizzjoni tal-laħam	5. Subintestatura min-Nomenklatura Magħquda	6. Il-piż nett (kg)
7. Numri u dati taċ-ċertifikati għal ċanga minn qobla maskili adulti		
8. ĊERTIFIKAT MILL-AWTORITÀ TAL-ĦRUĠ Jien, li hawn taħt niffirma, niddikjara li l-laħam deskritt hawnhekk ġej mill-kwarti ta' wara ta' qobla maskili adulti. Siġilli jew ċomb imwaħħal: Numru: marki: Numru serjali li jidher fuq il-pakketti: Post: Data: Firma: Timbru jew siġill stampat:		
9. GĦANDU JITWETTAQ MILL-UFFIĊĊJU DOGANALI TA' FEJN IL-FORMALITAJIET GĦALL-ESPORTAZZJONI JEW GĦAL DEPOŻITU FI MĦAŻEN JEW F'ŻONA ĦIELSA HUMA MWETTQA.		
10. Kwantitajiet ta' laħam	11. Numru u data tad-dokument doganali u, meta applikabbli, id-dikjarazzjoni tad-dħul fil-maħżen msemmija fl-Artikolu 4 paragrafu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1741/2006: Firma u timbru ta' l-uffiċċju doganali	
A. Kwantità totali		
B. Attribuzzjoni		

ikompli fuq wara.

10. Kwantitajiet ta' laħam	11. Numru u data tad-dokument doganali u, meta applikabbli, id-dikjarazzjoni tad-dħul fil-maħżen msemmija fl-Artikolu 4 paragrafu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1741/2006: Firma u timbru ta' l-uffiċċju doganali
A. Bilanċ	
B. Attribuzzjoni	
A. Bilanċ	
B. Attribuzzjoni	
A. Bilanċ	
B. Attribuzzjoni	
A. Bilanċ	
B. Attribuzzjoni	
A. Bilanċ	
B. Attribuzzjoni	
A. Bilanċ	
B. Attribuzzjoni	

ANNESS III

Regolament imħassar flimkien ma' l-emendamenti suċċessivi tiegħu

Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1964/82 (ĠU L 212, 21.7.1982, p. 48)	
Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3169/87 (ĠU L 301, 24.10.1987, p. 21)	l-Artikolu 1(2) biss
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2469/97 (ĠU L 341, 12.12.1997, p. 8)	l-Artikolu 1 biss
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1452/1999 (ĠU L 167, 2.7.1999, p. 17)	
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1470/2000 (ĠU L 165, 6.7.2000, p. 16)	
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2772/2000 (ĠU L 321, 19.12.2000, p. 35)	
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1713/2006 (ĠU L 321, 21.11.2006, p. 11)	l-Artikolu 2 biss

ANNESS IV

Tabella ta' Korrelazzjoni

Regolament (KEE) Nru 1964/82	Dan ir-Regolament
Artikolu 1, l-ewwel subparagrafu	Artikolu 1
Artikolu 1, it-tieni subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 2(a)
Artikolu 1, it-tieni subparagrafu, it-tieni inċiż	Artikolu 2(b)
Artikolu 2	Artikolu 3
Artikolu 3	Artikolu 4
Artikolu 4	Artikolu 5
Artikolu 5	Artikolu 6
Artikolu 6(1), (2) u (3)	Artikolu 7(1), (2) u (3)
Artikolu 6(4), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 7(4), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 6(4), it-tieni subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 7(4), it-tieni subparagrafu, punt (a)
Artikolu 6(4), it-tieni subparagrafu, it-tieni inċiż	Artikolu 7(4), it-tieni subparagrafu, punt (b)
Artikolu 6(4), it-tielet subparagrafu	Artikolu 7(5)
Artikolu 6(5), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 7(6), l-ewwel subparagrafu, punt (a)
Artikolu 6(5), l-ewwel subparagrafu, it-tieni inċiż	Artikolu 7(6), l-ewwel subparagrafu, punt (b)
Artikolu 6(5), it-tieni subparagrafu	Artikolu 7(6), it-tieni subparagrafu
Artikolu 7(1), l-ewwel inċiż	Artikolu 8(a)
Artikolu 7(1), it-tieni inċiż	Artikolu 8(b)
Artikolu 7(1), it-tielet inċiż	Artikolu 8(ċ)
Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu	Artikolu 9(1)
Artikolu 8, it-tieni subparagrafu	Artikolu 9(2)
Artikolu 8, it-tielet subparagrafu	Artikolu 9(3)
Artikolu 8, ir-raba' subparagrafu	Artikolu 9(4)
Artikolu 9, l-ewwel inċiż	Artikolu 10(a)
Artikolu 9, it-tieni inċiż	Artikolu 10(b)
Artikolu 9, it-tielet inċiż	Artikolu 10(ċ)

—	Artikolu 11
Artikolu 10	Artikolu 12
Anness I	Anness I
Anness II	Anness II
—	Anness III
—	Anness IV